# Il-Ħela tal-Ħin

Sara Vella

Kienu l-ħdax ta' filgħaxija. Konna t-tnejn bilqiegħda fl-istess karozza bi spazju ta' persuna bejnietna - vojt, imtaqqal bil-ħsibijiet psikoloġiċi analitiċi li hi miżgħuda bihom iż-żgħożija.

Ftit minuti qabel ma nxtegħlet il-magna qadima tal-karozza ta' missieri, konna qed nitħaddtu fuq affarijiet sempliċi, sabiex insikktu l-frugħa, f'forma ta' persuna, li bdiet tfakkarna ħelu ħelu f'widnejna fuq l-iskumdità tas-sitwazzjoni. Hekk kif bdiet miexja l-karozza b'dak il-ħoss tagħha jċaqċaq, ftaħt it-tieqa. Kien fl-eqqel tas-sajf, u minkejja li x-xemx kienet ħakmet kull rokna mdella matul il-jum, filgħaxija qamet buffura riħ u dlonk, b'mod ġentili, tefgħatli xagħri lura, bħal qisu riedet tagħtini iktar spazju biex naħseb.

Il-kliem fieragħ ta' bejnietna malajr inħataf mill-ħemda tal-lejl u ddeċidejna li nqattgħu l-kumplament tal-vjaġġ naħsbu fuq li kien ġara ftit sigħat ilu filwaqt li nħallu l-istilel eterni jippruvaw idawlu l-kurituri mudlama ta' moħħna u qalbna.

L-hena li kienet qed tgħammar f'għajnejh issa għebet u ħalliet baħħ. Spazju, fejn beda jimtela mimli tama ġdida mħallta ma' biża' t'inċertezza. Daqq il-*mobile*. Mill-ewwel irrispondieh, u hekk kif qata' reġa' ntilef f'dinja għalih.

Dejjem ippruvajt nara u ngħarbel il-moviment u l-ħarsa fonda f'għajnejn dak li nammira, iżda dejjem ninsa nħares lejja nnifsi u nipprova norganizza l-emozzjonijiet li jħufu fija, lesti sabiex mal-inqas ċans jibdew isabbtu u jagħfsu ma' sidri. Iħalluni bla nifs biex nesprimi ruħi u bla enerġija biex naħseb. Din id-

darba, però, kont naf x'kien qed jiġri quddiemi. Kont naf li rġajt tlift għaqli wara l-istess ġuvni għat-tieni darba, u kont naf ukoll li – għat-tieni darba, hu kien tilef għaqlu wara tfajla, minkejja l-aħbar friska ta' rifjut li kien irċieva ġimgħa ilu. Għajnejh bdew jiddu meta ftit ilu raha u d-daħka tiegħu nbidlet, mill-frugħa taż-żgħożija qabeż għall-innoċenza tat-tfulija.

L-imħabba mhijiex xjentifika – skont iż-żgħażagħ. Għax f'demmhom hemm ħrara taħraq, tiġri mal-vini ta' ġisimhom. Maqfula f'qalbhom hemm ħuġġieġa li mal-inqas tqanqila taqbad u tifferoċja, lesta li tibla' t-tiben tal-ħsieb matur.

F'dan il-waqt wisq probabbli hu kien qed jaħseb fiha, fuq kemm biħsiebu jistenna li tbiddel fehmitha. Il-ħsieb beda jiġri bija u kien qed iħallini llebbet warajh bla nifs, nipprova nwaqqfu qabel ma jwassalni sal-baħħ indifferenti. Forsi għalhekk inħobb inqis lil ta' quddiemi milli nħares fil-mera li tirrifletti 'l qalbi.

Sakemm dan kollu kien qed jiġri f'moħħi lħaqna wasalna. Kienu l-ħdax u nofs. Sellimtlu, filwaqt li rajtu nieżel mill-karozza qisu wieħed mitruħ u għajjien. Hekk kif bqajna mexjin bil-karozza r-riħ qisu tbiddel u mill-ewwel ħabbilli xagħri f'għoqda waħda. Għalaqt it-tieqa.

* * *

Dak il-lejl qam riefnu qawwi li dam isabbat mat-tieqa ta' kamarti, bla ħniena, sas-sigħat bikrin tal-għodwa. Il-kamra kienet iktar mudlama mis-soltu u l-ħsibijiet li bdew jiġru fil-passaġġi ta' moħħi smajthom jidwu mal-erba' ħitan solitarji tal-kamra. Il-ħemda keffnitni fil-liżar tal-ħsieb u begħditni minn kull serħan li tista' tipprovdi raqda ħiemda, mitlufa fl-għammieq ħolliemi tal-lejl.

Id-dlam li waqa' fuqi ħassejtu jkexkixni. Ma nafx għalfejn il-bniedem jibża' daqshekk mid-dlam. Forsi t-tweġiba tinsab fil-mument meta dak li jkun isib ruħu waħdu, fil-baħħ, fejn lanqas id-dawl tal-qamar ma jkun jista' jlumu. Il-bniedem – waħdu – u ħsibijietu. Xena li minkejja li titlob profondità ta' ħsieb, tista' toffri wkoll it-tarf tal-kobba, is-serħan tal-moħħ, is-soluzzjoni tal-problema. Allura jekk wieħed proprju jibża' jogħdos fih innifsu, ma jistax jiskopri l-umanità tiegħu, u allura ma jkunx jista' jiskopri t-tarf tal-kobba. B'hekk il-bniedem donnu jidra jgħix fl-għarfien tal-"ma nafx", jew aħjar, fl-injoranza tal-"ma rridx inkun naf".

Minkejja li barra t-tieqa l-bard beda jitqabad mas-sħana tal-jum, ħassejt fawra tielgħa għal wiċċi. Il-lewn ħamrani li kelli, ġie maħkum mis-swidija tal-kamra. Qomt mill-friex. Qbadt il-*mobile* biex niċċekkja l-ħin – is-sagħtejn ta' filgħodu. Ħarist barra t-tieqa. Bdiet traxxax ix-xita. L-istilel – slaten tas-smewwiet – ma

setgħux ilumuni llum. Għax is-sħab tal-maltemp għatta, b'mod feroċi, id-dija tagħhom. Ħassejt griżmejja nexfin qoxqox. Inżilt isfel sabiex nieħu tazza ilma, iżda hekk kif xofftejja messew ħalq it-tazza mar l-aptit. Il-ħoss tal-arloġġ għajjien, itektek, baqa' jidwi mal-irkejjen tad-dar, il-ħoss apatetiku nifidli ħsiebi. Is-sisien ta' moħħi issa bdew jiddgħajfu u l-anestesija tal-lejl ħallejtha taħkimni.

Ħarist lejn l-arloġġ għal darb'oħra. Is-sagħtejn u ħamsa. Tlajt fuq f'kamarti u ppruvajt nitboq għajnejja, iżda baqgħu miftuħin beraħ. Ħassejt is-sħana – inkxift. Erġajt ħassejt il-bard – tgħattejt. Ħarist barra t-tieqa. Għalaqt għajnejja. Hekk kif il-mewġa tan-ngħas bdiet tilħaqni – daqq il-*mobile*. Qalbi għamlet tikk. Ftaħtu:

*"Għandna bżonn nitkellmu."*

Kienu s-sagħtejn u sitt minuti ta' filgħodu.